# Il-Ħadd 02.08.2015

1. L-Erbgħa 05/08:
   - Fid-9:00am, l-Emigranti li hawn fostna huma mistiedna mill-Kummissjoni Emigranti biex jiltaqgħu ġewwa Dar l-Emigrant u mbagħad imorru għal-laqgħa mal-E.T. President Marie-Louise Coleiro Preca.
   - Fl-4:30pm – L-ewwel laqgħa mimlija attivitajiet għat-tfal (subien u bniet minn Year 2 sa' Form 2), marbuta mal-ħajja ta' San Pawl. Din ser issir fil-Museum tas-Subien u tispiċċa l-Knisja bil-quddiesa tas-6:30pm. Nitlob lil dawk interessati biex jinkitbu fis-Sagristija jew fl-oqsma tal-Museum. Mhux ta' min jitlef din l-esperjenza.

2. Il-Ħamis 06/08, **Festa tat-Trasfigurazzjoni tal-Mulej**:
   - Għalkemm mhux obbligatorju, tajjeb li nqaddsu dan il-jum bis-sehem tagħna fil-quddiesa.

3. Il-Ġimgħa 07/08, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.
   - Fit-8:00pm – Ftira Night għall-koppji miżżewġa f'Wied iż-Żurrieq.
     Min bi ħsiebu jattendi jinforma lill-Kappillan jew lil xi ħadd mill-Kummissjoni Familja.

4. Is-Sibt 08/08:
   - Mill-5:00pm sal-5:30pm jiltaqa' l-grupp tal-Abbatini.
   - Fil-quddiesa tas-6:30pm, Ivan Grixti, mill-parroċċa tagħna, u li issa ilu madwar 5 snin bħala soċju tal-Museum fil-Polonja, ser jaqsam ftit l-esperjenza tiegħu magħna.
   - Fid-9:00pm tibda quddiesa u laqgħa ta' talb għall-qdusija tal-kleru li tispiċċa fil-11:00pm. Ser issir fil-knisja parrokkjali tal-Mellieħa.

5. Avviżi oħra:
   - Kif tistgħu taraw, qed nesebixxu gandlier - wieħed minn sett ta' sebgħa li jinkludi ukoll dak bis-salib - li ser jintrama fuq wieħed mill-altari fil-ġimgħa tal-festa. Dawn il-gandlieri antiki għadhom kif ġew irrestawrati, kemm fl-injam u kemm fl-induratura tagħhom, grazzi għad-donazzjonijiet li minn żmien għal żmien tagħtu lil Josef Mifsud li jgħin fil-knisja. Grazzi lil min ħa ħsieb u lil min ikkontribwixxa biex nikkultivaw dan il-patrimonju ta' din il-knisja.
   - Bħalissa qed isiru l-aħħar thejjijiet għall-pubblikazzjoni tal-Programm tal-Festa. Dawk li jixtiequ jirreklamaw fih mitluba javviċinaw lill-Kappillan mill-aktar fis.
   - Il-Każin Banda San Pawl jixtieq ifakkar li mill-Ħadd 9/08 xi membri ser jiġbru l-envelopes b'risq il-festa esterna bejn id-9:00am u 12:00pm, kull nhar ta' Ħadd. Grazzi bil-quddiem.

6. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 315 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 714 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
   - € 380 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.